MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2008

Rikors Numru. 1048/2008

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1549/08 fl-ismijiet:

**MEDITERRANEAN FLOWER PRODUCTS LIMITED (C-2197)**

vs

**FLOWER POWER (SALES) LIMITED**, Dr. Andrew Borġ Cardona bħala amministratur proviżorju tal-istess soċjeta' Flower Power (Sales) Limited; u Jason Sammut, Maria Sammut, u l-Avukat Richard Sladden u l-P.L. Doreen Aquilina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Nathalie Sammut, ilkoll werrieta tal-mejjet George Sammut

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutata Maria Sammut fil-15 ta' Ottubru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, talbet li din il-Qorti tħassar għal kollox fil-konfront tagħha l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi maħruġ kontriha u oħrajn mill-kumpannija intimata eżekutanti Mediterranean Flower Products Limited fis-6 ta' Ottubru, 2008, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Talbet ukoll il-kundanna tal-istess kumpannija eżekutanti għall-ħlas tal-penali, u biex, f'każ li l-Qorti ma tilqax it-talba tagħha biex tħassar il-Mandat, tordna lill-istess kumpannija intimata tressaq garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kodiċi;

Rat id-Degriet tagħha tas-17 ta' Ottubru, 2008, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-11 ta' Novembru, 2008;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imsemmija kumpannija intimata eżekutanti fl-10 ta' Novembru, 2008, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija tenniet li ma kellha tintlaqa' l-ebda talba tar-rikorrenti eżekutata;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u tal-Mandat li għalihom jirreferi;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Novembru, 2008, li bih ħalliet il-kawża għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti trid li tneħħi minn fuqha għal kollox l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-kumpannija intimata ħarġet kontra tagħha u ta' oħrajn fis-

6 ta’ Ottubru, 2008. Il-kreditu msemmi fil-Mandat huwa ta’ seba’ u ħamsin elf mija u erbgħa u tmenin ewro (€ 57,184) bil-kawżali ta’ “arretrati ta’ ħlasijiet dovuti lis-soċjeta’ rikorrenti”. Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, b’notifika lil erba’ sekwestratarji, lkoll banek lokali. Fit-28 ta’ Ottubru, 2008[1], il-Bank sekwestratarju Bank of Valletta p.l.c. iddepożita s-somma ta’ € 15,041.71 b’Ċedola ta’ Depożitu;

Illi għalkemm ma semmietx espressament id-dispożizzjoni partikolari tal-liġi, jidher li r-raġuni imressqa mir-rikorrenti hi: (a) li fiċ-ċirkostanzi, m’huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa’ fis-seħħ. Dan qiegħda tgħidu għaliex hija tisħaq li ladarba l-Mandat inħareġ kontriha bħala “eredi ta’ George Sammut” – meta m’hijiex tassew werrieta tiegħu – għalhekk taqa’ r-raġuni għaliex l-intimata eżekutanti tista’ tressaq pretensjonijiet kontra tagħha personalment;

Illi, b’żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qiegħda titlob ukoll li l-eżekutanti tiġi kundannata tħallasha penali minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat, flimkien mad-danni biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara li seħħet minħabba l-ħruġ tal-Mandat. Talbet ukoll lill-Qorti biex tagħti żmien lill-eżekutanti biex tressaq garanzija tajba biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż u d-danni mġarrba, fi żmien li l-Qorti tiffissalha għal dan il-għan, u, fin-nuqqas li tagħmel dan f’dak iż-żmien, biex tordna li l-Mandat jitwaqqa’;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[2]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m’huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat. Jirriżulta li l-kumpannija eżekutanti ressqet Rikors Maħluf bil-proċedura sommarja speċjali jumejn wara li talbet il-ħruġ tal-Mandat[3];

---

[1] Dok “X”, f’paġġ. 34 – 5 tal-atti

[2] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

[3] Rik. Nru. 1016/08JRM

Illi bħala fatti rilevanti għall-finijiet ta' din il-proċedura, jidher li l-pretensjonijiet tal-kumpannija eżekutanti intimata jinbnew fuq ftehim li kien sar fis-6 ta' Novembru, 2002[4], bejn il-kumpannija intimata, il-kumpannija eżekutata Flower Power (Sales) Limited, il-kumpannija Flower Power Limited u Nicholas Sammut u George Sammut. Ir-rikorrenti Maria Sammut hija l-armla ta' George Sammut, li miet intestat fl-1 ta' Ottubru, 2003[5]. L-eżekutati Jason u Nathalie aħwa Sammut huma wliedu. B'degriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-2 ta' Ġunju, 2005[6], il-wirt tal-imsemmi Ġorġ Sammut infetaħ favur uliedu;

Illi dwar il-kawżali li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din hija l-kawżali waħdanija li fuqha r-rikorrenti eżekutata ssejjes it-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat. Hija tgħid li l-Mandat ma seta' qatt jinħareġ kontra tagħha għaliex hija m'hix werrieta ta' żewġha, li seta' kien b'xi kmod debitur tal-kumpannija eżekutanti. Hemm intimati oħrajn li huma tassew werrieta ta' George Sammut;

Illi min-naħa tagħha, il-kumpannija intimata eżekutanti tressaq argumenti – u provi dokumentali – biex juru li r-rikorrenti, fejn qablilha, ma ddejqet xejn tgħid li hija għandha pretensjonijiet bħala l-mara ta' George Sammut, u b'ħarsien tal-jeddijiet ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm matul iż-żwieġ tagħhom. B'dan il-mod, allura, tqis li t-talbiet tar-rikorrenti m'għandhomx jintlaqgħu;

Illi l-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-intimata. Il-fatt li r-rikorrenti eżekutata għandha xi pretensjonijiet dwar sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejnha u George Sammut matul iż-żwieġ tagħhom, ma jissarrafx f'jedd ta' werriet. Il-Mandat li r-rikorrent trid twaqqa' nħareġ kontra tagħha bħala werrieta ta' żewġha, meta fil-

[4] Dok "A2", f'paġġ. 19 sa 23 tal-atti
[5] Dok f'paġ. 4 tal-atti
[6] Dok f'paġ. 9 tal-atti

fatt m'hijiex werrieta tiegħu. Din il-kostatazzjoni tidher mad-daqqa t'għajn;

Illi din iċ-ċirkostanza twassal lil din il-Qorti biex issib li l-ewwel talba tar-rikorrenti hija mistħoqqa, għaliex huwa sewwasew dwar din l-għamla ta' stħarriġ li l-leġislatur ried li tinvolvi ruħha l-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kodiċi tal-Proċedura;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrenti tatha raġuni tajba biżżejjed biex tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru in kwestjoni safejn maħruġ kontra tagħha;

Illi, ladarba l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, m'huwiex il-każ li tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 838A. L-għoti tal-garanzija maħsuba f'dak l-artikolu hija rimedju maħsub li jingħata biss fil-każ li l-Qorti ma tilqax talba għat-tħassir tal-Mandat;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[7]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;

Illi erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[8]. F'dan il-każ, ir-

---

[7] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***

[8] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

rikorrenti ma ssemmix taħt liema waħda mill-imsemmijin kawżali tippretendi li din il-Qorti tippenalizza lill-intimata ħlief li tgħid li "l-mod kif inħareġ dan il-Mandat jagħti lok ukoll għall-penali";

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq issib li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[9]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[10];

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn il-kumpannija intimata eżekutant għandha tkun kundannata tħallas penali kif imsemmi fl-artikolu 836(8). Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lill-istess rikorrenti li 'l quddiem u fis-sedi opportuna tressaq il-pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom dik il-Qorti kompetenti tasal f'fehmiet preċiżi għar-rigward;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tal-eżekutata Maria Sammut billi:

**Tilqa' l-ewwel talba tagħha** u tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1549/08 maħruġ fis-6 ta' Ottubru, 2008, limitatament u safejn dak il-Mandat inħareġ kontra l-istess rikorrenti;

**Tiċħad it-tieni talba tagħha** billi ma ngħatatx raġuni tajba għaliex din il-Qorti għandha tikkundanna lill-kumpannija intimata eżekutanti tħallasha penali;

**Tastjeni milli tqis it-tielet talba tagħha** ladarba laqgħet l-ewwel talba; u

[9] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[10] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

**Tikkundanna** lill-kumpannija eżekutanti intimata **tħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, it-30 ta' Diċembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------